**22 ta' Mejju, 1967.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emma Scicluna

*versus*

Mary Xuereb et.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nuqqas ta' — Oskura — Nullità.**

*Biex ċitazzjoni fiśta jinghad li ghandha kawżali suffiċjentement ċara jeħtieġ li jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut. Jekk id-difetti ta' kjarezza jkun tali li jarreka preġudizzju serju lill-konvenut fid-difża tiegħu allura ċ-ċitazzjoni ghandha tiġi annullata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà r-Reġina li bih l-attriċi wara li jinghataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni — premess illi l-attriċi kkonsenjat lil Dottor Salvatore Xuereb elf lira (£1,000) f'diversi drabi u lill-konvenut Dottor Joseph Xuereb, li aċċettahom a nom tal-konvenuti kollha, tlett mitt lira (£300) oħra — u b'kollox elf u tlett mitt lira (£1,300) — u premess illi ma kellu jkun hemm l-ebda korrispettiv ħlief il-ħlas tal-istess interess li l-

attriċi kienet ġià qegħda tirċievi jew li seigħat tirċievi bla ma titlef il-kapital — kollox bla ebda skrittura u għalhekk nullament tant bħala donazzjoni (li fi kwalunkwe każ ma kienitx awtorizzata mill-Qorti) u lanqas bħala vitalizju, peress li tonqos li skrittura rikjesta u l-korrispettiv u għal kull raġuni oħra li tirriżulta u premess illi l-awtur tal-konvenuti l-Avukati Dottor Salvatore Xuereb irrikonoxxa u aċċetta li l-flus fuq imsemmija lilu konsenjati kienu u baqgħu ta' proprietà tal-attriċi — prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni ta' *nullità* tan-negozji talvolta naxxenti mill-fatt fuq indikat u li **għal hekk** il-konvenuti qegħdin iżommu dik issomma ta' elf u tlitt mitt lira (£1,300) bla ebda titolu validu u legali — talbet illi l-konvenuti lkoll flimkien jew bil-mod li jiġi deċiż minn din il-Qorti, jiġu kundannati jħallsu u jirrifondu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' elf u tlitt mitt lira (£1,300) għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, bl-interessi legali mis-27 ta' Jannar, 1964 u bl-ispejjes kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar, 1964.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Tabib Joseph Xuereb f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-konvenut Antoine Xuereb, imsiefer, it-tnejn bħala eredi tal-Avukat Salvatore Xuereb li biha qalu, preliminarjament, illi ċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-attriċi m'humiex ċari, u għalhekk huma nulli;

Omissis

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-20 ta' Frar, 1967 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kjarezza taċ-ċitazzjoni bl-ispejjes kontra l-konvenuti, wara li kkunsidrat —

Omissis

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Tabib Dottor Joseph Xuereb proprio et nomine u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tiegħu tan-nullita taċ-ċitazzjoni bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

Rat ir-risposta ta' l-attriċi li qalet illi s-sentenza appelletta hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Qabel xejn għandu jiġu notat illi l-konvenuta Mary armla ta' l-Avukat Dr. Salvatore Xuereb, li ġiet imħarrka "f'isimha stess u bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma l-istess żewġha u użufruttwarja universali ta' l-istess żewġha", għalkemm fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha kienet assoċjat ruħha man-nota tal-konvenuti l-oħra, issa ma appellatx mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u anqas ħadet ebda parti fl-appell. L-appell sar biss mill-konvenut Tabib Joseph Xuereb fl-interess tiegħu n-nifsu u fl-interess ta' ħuh Antoine Xuereb, it-tnejn fil-kwalitajiet li fihom ġew ċitati.

Għad illi l-*insistenza* fuq il-formalismu eżaġerat m'għandhiex ċertament *tiġi inkoraġġita* u kwalunkwe att ġudizzjarju għandu, jekk jista jkun konfermement mal-liġi jiġi salvat għal dik li hi *osservanza* ta' firma, b'dana kollu din il-Qorti hi ta' fehma illi, fil-każ preżenti il-vaghezza u l-oskurita taċ-ċitazzjoni jeċċedu *l-limiti* ta' tolleranza u jistgħu jippreġudikaw lill-appellant fid-difiża tiegħu. U d-difett ma jistax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament taċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-appellanti.

Id-difett sostanzjali taċ-ċitazzjoni jikkonsisti fin-nuqqas ta' ness ċar jew identifikabbli b'mod raġonevolment sigur bejn il-premessi u t-talba. It-talba hi għall-kundanna talkonvenuti biex iħallsu u jirrifondu l-£1300 imsemmija filpremessi, imma għaliex il-konvenuti huma legalment obbligati għar-restituzzjoni, ma jingħadx b'ebda mod pożitiv. Jingħad ġenerikament illi l-konvenuti "ma għandhomx ebda titolu validu u legali": imma għaliex ma għandhomx titolu ma jingħadx ħlief b'mod ta' esklużżjoni li lilhom ma saritx donazzjoni valida u li magħhom jew l-awtur tagħhom ma giex kontrattat vitalizju. S'intendi f'ċitazzjoni m'hemmx bżonn li jiġu użati formuli sagramentali biex titfisser il-kawżali jew li r-rapport jiġi definit bil-fors bl-isem jew deskrizzjoni tiegħu legali. Imma hu neċessarju illi ikun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tattalba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut.

Fil-każ preżenti, fil-waqt li huma prospettati diversi ipotesijiet uħud minnhom, kif ser jingħad, manifestament konfliġġenti bejniethom, tonqos dik li hi l-aktar ħaġa essenzjali ċioè l-indikazzjoni tar-raġuni li għaliha l-appellata tippretendi li ikkonsenjat il-flus — raġuni li minħabba fiha, fil-pretensjoni tagħha, l-appellanti huma, skond il-liġi, tenuti li jirrestitwixxu dawk il-flus lilha. Jekk jingħad, kif wieħed jista jkun tentat li jgħid illi l-appellanti misshom jafu r-raġuni li għaliha huma irċevew il-flus, b'aktar ġustizzja ovvja wieħed għandu jgħid illi l-appellata taf għalfejn tatomlhom u, peress illi ċ-ċitazzjoni hi tagħha, kien imiss lilha fl-ewwel lok li tindika dik ir-raġuni.

Fiċ-ċitazzjoni in kwistjoni jibda biex jingħad, bħala l-ewwel premessi, illi l-appellata ikkonsenjat f'diversi ammonti £1000 lil Dr. Salvatore Xuereb u £300 lill-appellant

Dr. Joseph Xuereb. Għalfejn tatomlhom jew x'kellhom jagħmlu bihom ma jingħadx. Jingħad biss illi ma kellux ikun hemm ebda korrispettiv ħlief il-ħlas ta' l-interessi li hi kienet jew setgħat iddaħħal.

Minnufih wara jibdew il-komplikazzjonijiet. Difatti jingħad illi kollox sar bla skrittura u għalhekk "nullament bħala donazzjoni li fi kwalunkwe każ ma kienitx awtorizzata, u nullament ukoll bħala vitalizju peress li jonqos il-korrispettiv. Issa biex tiġi prospettata l-ipotesi ta' donazzjoni jinħtieġ li qabel xejn ikun suġġerit l-"animus donandi" mentri biex tiġi prospettata l-ipotesi ta' vitalizju null għax jonqos il-korrispettiv l-animus donandi jrid jiġi eskluż. Il-konsenja tal-flus ma setgħatx saret, fl-istess ħin, għażżewġ skopi konfliġġenti. L-attriċi taf jew imissha taf jekk ikkonsenjatx il-flus bl-iskop il-wieħed jew l-ieħor, u jekk kien xi wieħed minnhom imissha qalitu. L-inċertezza ssir agħar meta ċ-ċitazzjoni tiġi konfrontata (għalkemm dan il-konfront ma għandux ikun neċessarju għax il-kjarezza tal-kawżali imissha tirriżulta mill-istess ċitazzjoni) max-xhieda li tat l-appellata fejn tidher li ġiet adombrata d-donazzjoni "causa mortis" u man-nota tagħha f'din l-istanza fejn huma esklużi tant id-donazzjoni kemm il-vitalizju u huma adombrati d-depositu u l-mutwu. Imma jekk l-animu ta' l-appellata kien li tagħmel depożitu — li peress li si tratta ta' flus hu regolat bl-istess regoli tal-mutwu — għalfejn issemmew fiċ-ċitazzjoni d-donazzjoni u l-vitalizju li m'għandhomx x'jaqsmu xejn miegħu. Ebda attur m'għandu bżonn fiċ-ċitazzjoni jibqa minn qabel għal kull possibli eċċezzjoni ta' meritu li jaħseb li jista konċepibilment jopponi l-konvenut.

Fiċ-ċitazzjoni jissokta jingħad illi l-konsenji tal-flus, oltre li kienet nulla bħala donazzjoni u bħala vitalizju, kienet ukoll nulla "għal kull raġuni oħra li tirriżulta". Din hi frażi

ta' stil li, sfortunatament għadha tiġi użata, nonostanti li l-Qrati tagħna qalu ripetutament illi m'għandha ebda siwi u ma żżid xejn għal dik li hi kjarezza jew kompletezza tal-kawża.

L-uniku kliem li sata b'xi mod jersaq biex jikkostitwixxi kawżali, hu dak fejn jingħad illi "l-awtur tal-konvenuti l-Avukat Dottor Salvatore Xuereb irrikonoxxa u aċċetta li l-flus kienu baqgħu ta' proprieta ta' l-attriċi". Iżda anqas dan il-kliem ma jfornixxi ness bejn li skop tal-konsenja tal-flus u dak ir-rikonoxximent jew bejn l-iskop tal-konsenja u l-obbligu tar-restituzzjoni. Ir-rikonoxximent ta' l-Avukat Xuereb hija ugwalment konsistenti ma dak li l-appellata donnha qalet meta xehdet ġia li riedet — li tagħti l-flus lil Dottor Xuereb u l-familja biex joħduhom wara mewtha, b'mod li sakemm hi ħajja setgħat teħodhom meta trid, u ma dak li issa qalet fin-nota tagħha ċioè li l-flus ġew konsenjati b'depożitu. Imma liema minn dawn hi l-pretensjoni vera tagħha, li kontra tagħha għandhom jiddefendu ruħhom l-appellanti, miċ-ċitazzjoni ma jidhirx.

Skond iċ-ċitazzjoni l-appellata trid illi l-Qorti tiddikjara, jekk hemm bżonn, "in-nullita tan-negozji tal-volta naxxenti mill-fatt fuq indikat". Ħlief id-donazzjoni u l-vitalizzju ma jissemmiex negozji oħra. Liema huma, allura, in-negozji l-oħra "talvolta naxxenti" mill-fatt tal-konsenja tal-flus li l-Qorti għandha tiddikjara ukoll nulli? Anki d-depożitu/mutwu li issa l-appellata tgħid li kien il-kuntratt kostitwit?

Fil-fehma tal-Qorti kien dmir ta' l-appellata meta għamlet iċ-ċitazzjoni li tiddeċidi u tiddikjara hi stess x'riedet, meta ikkonsenjat il-flus, li jsir minnhom, u jekk dak li riedet jidhrilha li jagħtiha d-dritt għar-restituzzjoni tagħ-

hom titlob ir-rimedju. U peress illi dan ma għamlitux bl-ebda mod raġonevolment inteliġibbli fiċ-ċitazzjoni li għamlet, din iċ-ċitazzjoni hi irritwali.

In-nuqqas ta' kjarezza taċ-ċitazzjoni m'hux talli mhux ovvjat (kif sata jkun) fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessi magħha, iżda talli dik id-dikjarazzjoni tirrendi s-sitwazzjoni aktar konfuża u iskura. Difatti wara li f'dik id-dikjarazzjoni hu ripetut kważi bl-istess kliem taċ-ċitazzjoni, illi l-appellata ikkonsenjat il-flus, u li dawn ingħataw bla korrispettiv u l-appellanti u l-awtur tagħhom kellhom iħallsu l-imgħax li huma kienu jinkassaw u xejn iżjed, jiżdied jingħad li kollox sar bla skrittura u "għal dawn ir-raġunijiet kollox sar nullament u għalhekk hi titlob ir-rifusjoni." Ovvjament dan mhux kliem li jaċċenna għall-ipotesi ta' depożitu/mutwu avanzata mill-appellata bħala spjegazzjoni tal-kawżali taċ-ċitazzjoni. Għad-depożitu/mutwu ovvjament mhux rilevant l-fatt tan-nuqqas ta' l-iskrittura u anqas hu rilevanti l-fatt tan-nuqqas ta' korrispettiv.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tilqa l-appell u, fil-konfront ta' l-appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa l-eċċezzjoni tagħhom u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-appellata;

Omissis